

## DEĊIJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 157/2012

tat-28 ta' Settembru 2012

**li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) għall-Ftehim ŻEE**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (“il-Ftehim ŻEE”), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 64/2012 tat-23 ta' Jannar 2012 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 582/2011 li jimplimenta u jemenda r-Regolament (KE) Nru 595/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward l-emissionijiet minn vetturi heavy-duty (Euro VI)<sup>(1)</sup> għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 65/2012 tal-24 ta' Jannar 2012 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 661/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-indikaturi tat-tibdil tal-gerijiet u li jemenda d-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>(2)</sup> għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (3) L-Anness II għall-Ftehim ŻEE għandu għalhekk jiġi emendat kif adatt,

ADOTTA DIN ID-DEĊIJONI:

### Artikolu 1

Il-Kapitolu I tal-Anness II għall-Ftehim ŻEE għandu jiġi emendat kif ġej:

1. L-inċiż li ġej għandu jiżdied fil-punt 45zx (id-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):

“— **32012 R 0065**: ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 65/2012 tal-24 ta' Jannar 2012 (ĠU L 28, 31.1.2012, p. 24).”

2. Dan li ġej għandu jiżdied wara l-punt 45zz (ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 582/2011):

“kif emendat permezz ta':

— **32012 R 0064**: ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 64/2012 tat-23 ta' Jannar 2012 (ĠU L 28, 31.1.2012, p. 1).”

3. Il-punt li ġej għandu jiddaħħal wara l-punt 45zz (ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 130/2012):

“45zzo. **32012 R 0065**: ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 65/2012 tal-24 ta' Jannar 2012 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 661/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-indikaturi tat-tibdil tal-gerijiet u li jemenda d-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 28, 31.1.2012, p. 24).”

### Artikolu 2

It-testi tar-Regolamenti (UE) Nru 64/2012 u (UE) Nru 65/2012 bil-lingwa Islandiża u dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ma’ Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, għandhom ikunu awtentiċi.

### Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Novembru 2012, sakemm in-notifikasi kollha lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE jkunu saru skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (\*).

### Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta’ Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u fis-Suppliment taż-ŻEE tiegħu.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Settembru 2012.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

Il-President

Atle LEIKVOLL

<sup>(1)</sup> ĠU L 28, 31.1.2012, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 28, 31.1.2012, p. 24.

<sup>(\*)</sup> L-ebda rekwiżiti kostituzzjonali ma huma indikati.